| Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tielet Sena tal-Primarja | | |
|---|---|---|
| | | |
| **KAP 3 – ĠESÙ FOSTNA** | | |
| **L-Objettiv:** | **Il-Lingwa Reliġjuża** | |
| **3.1** | **L-Ewwel Presepju** | **3.1** |
| **L-Għanijiet** | L-Istudenti:<br>1. jifhmu s-siwi tal-festa tal-Milied;<br>2. jitgħallmu kif jiġi ċċelebrat madwar id-dinja;<br>3. japprezzaw l-importanza li jiċċelebraw il-Milied kull sena;<br>4. isiru jafu dwar l-ewwel presepju. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-veru sens tal-Milied hu t-twelid ta' Emmanuel - Alla magħma; is-Salvatur, id-Dawl li rebaħ fuq id-Dlam.<br>2. Madwar id-Dinja dan is-sens veru tal-Milied jiġi ċċelebrat b'mod differenti, kulħadd bid-drawwiet tiegħu.<br>3. L-ewwel presepju għamlu San Franġisk fi Greccio fl-Italja.<br>4. Dan il-presepju kellu nies ta' veru. | |
| **L-Attitudni** | - It-tfal juru li madwarhom hemm kulturi li ma jemmnux f'Ġesù imma li jagħmlu festi sħaħ biex jifirħu bid-DAWL fil-ħajja tagħhom.<br>- It-tfal japprezzaw li huma bħala Nsara wkoll għandhom id-DAWL TAGĦHOM, dak li rebaħ fuq id-dnub u ġabilna ħajja ġdida.<br>- It-tfal ikunu kapaċi jifirħu bid-Dawl f'ħajjithom u jiftakru meta Ġesù ġie fostna.<br>- It-tfal juru li ma jippretendu xejn minn ħadd u allura japprezzaw ir-rigali li jaqilgħu. | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 3.2 | Ġesù twieled f'Betlem | 3.2 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jieħdu idea ġenerali ta' Betlem.<br>2. jiftakru fil-personaġġi msemmija fil-ġrajja tal-Milied.<br>3. janalizzaw fejn kienu fil-presepju u x'kienu qed jagħmlu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġużeppi kien mir-razza ta' David u allura kellu jmur Betlem biex jinkiteb.<br>2. F'Betlem ma sabu l-ebda post.<br>3. Ġesù twieled f'Betlem f'għar tal-annimali mingħar lussu ta' xejn. | |
| L-Attitudni | • It-tfal juru li qegħdin jagħmlu l-isforzi tagħhom biex kull fejn ikunu, speċjalment fil-klassi u d-dar, ikunu kuntenti u ferħanin. Huma jgħinu lil xulxin biex ikunu ferħanin. | |
| | | |
| L-Objettiv | Id-Dimensjoni Spiritwali | |
| 3.3 | Aħna konna fl-għar - 1 | 3.3 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jitgħallmu dwar il-personaġġi msemmija fil-ġrajja tal-milied;<br>2. jifhmu l-messaġġ li Ġesù jrid jgħaddilna permezz tagħhom;<br>3. jiċċelebraw il-ħajja ta' dawn il-personaġġi kollha (inkluż tal-lezzjoni ta' qabel), permezz ta' mima. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù twieled ġo għar fqir.<br>2. Ġużeppi u Marija kienu ferħanin li twieled Ġesù. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. Ir-ragħajja kienu l-ewwel nies li raw lil Ġesù.<br>4. Il-maġi fittxew lil Ġesù u offrewlu rigali speċjali. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru li huma jħobbu lil xulxin u lil kulħadd għax Ġesù ġie għal kulħadd. | |
| | | |
| 3.4 | Aħna Għexna l-Ewwel Milied | 3.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jisimgħu l-istorja tal-Milied skont San Luqa;<br>2. jirriflettu kif ġabu ruħhom xi personaġġi tal-ġrajja;<br>3. jiddiskutu l-paċi li jġib Ġesù. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù għażel li jitwieled fil-faqar.<br>2. L-anġli taw l-aħbar lir-ragħajja li twieled Ġesù.<br>3. Jeħtieġ inkunu umli bħar-ragħajja biex Ġesù jitwieled fina.<br>4. Il-paċi tiġi meta nħobbu lil xulxin tassew. | |
| L-Attitudni | • It-tfal juru l-imħabba tagħhom lejn min hu fil-bżonn.<br>• Juru li qegħdin jaħdmu biex ikunu umli bħal Ġesù. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | |
| 3.5 | L-Anġli tal-presepju | 3.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu bl-importanza tal-Anġli f'din l-istorja; | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. jitgħallmu l-messaġġ tal-Anġli u t-tifsira tagħhom u jiddiskutu dan il-messaġġ. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. L-anġli kienu dawk li taw l-aħbar lir-ragħajja.<br>2. Huma qajmu lir-ragħajja u qalulhom b'Ġesù.<br>3. Huma wasslu r-ragħajja sa ħdejn Ġesù. Aħna rridu nwasslu lil Ġesù għand l-oħrajn billi nagħmlu kif kien jagħmel hu – inħobbu tassew.<br>4. Aħna kollha  differenti imma Alla xorta jsejħilna biex nersqu lejh.<br>5. Hu tana l-Anġlu Kustodju tagħna. | |
| **L-Attitudni** | - It-tfal juru li huma, bħall-Anġli, jridu jġibu l-paċi kull fejn ikunu. Biex iġibu l-paċi, allura, ma jridux ikunu suppervi. | |
| | | |
| **3.6** | **Mill-fqir għall-għaref** | |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. jisimgħu l-istorja tal-Maġi skont San Mattew;<br>2. jaraw xi informazzjoni dwar il-Maġi u jiddiskutu l-importanza tagħhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-Maġi kienu għorrief u kienu bravi ħafna.<br>2. Huma kienu ġejjin minn pajjiżi 'l bogħod.<br>3. Huma  ħallew lill-kewkba tmexxihom.<br>4. Huma waslu ħdejn Ġesù u tawh ir-rigali tagħhom.<br>5. Alla ma riedx li Ġesù jispiċċa għand Erodi u għalhekk uriehom f'ħolma minn fejn kellhom jgħaddu.<br>6. Huma ġabu r-rigali tagħhom li kienu speċjali – id-deheb, l-inċens u l-mirra. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | F'dan il-Milied, it-tfal juru li jħobbu tassew billi jagħmlu dak li jkun hem bżonn, anke meta dan ma jkunx jogħġobhom. Tajjeb li jistaqsu lilhom infushom: "Illum x'hemm bżonn li nagħmlu?" | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika** | |
| **3.7** | **Milied ta' tama u mħabba** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu li hemm nies madwarhom li għandhom bżonn l-għajnuna.<br>2. jirrealizzaw dan permezz ta' stejjer konkreti. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Madwarna hemm tfal ukoll li jbatu fil-Milied.<br>2. F'dan il-Milied Ġesù qed iħalli f'idi biex inkun mezz ta' għajnuna għal dawn it-tfal.<br>3. Tfal li narawhom f'xi bżonn irridu nagħmlu ħbieb magħhom<br>4. Ġesu' twieled għal kulħadd u allura aħna rridu nħobbu lil kulħadd<br>5. It-tbatija tista' tkun: mard, nuqqas ta' xogħol, mewt ta' xi ħadd mill-ġenituri jew ta' xi ħadd għażiż ... | |
| L-Attitudni | • It-tfal jifhmu li rieda tajba tiġi meta huma jisimgħu sew dak li ħaddieħor qed jgħidilhom u jaraw kif jistgħu jgħinu.<br>• It-tfal juru li lesti jilqgħu lil Ġesu f'qalbhom billi jaċċettaw u jgħinu lil kulħadd. | |
| | | |
| **3.8** | **U paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba** | **3.6** |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jifhmu minn huma dawk li għandhom rieda tajba; | |

| | | |
|---|---|---|
| | 2. jiddiskutu modi kif huma jistgħu jġibu l-paċi u jagħmlu l-ġid;<br>3. jirrevedu u jiftakru f'nies u tfal f'pajjiżi differenti li ma jistgħux igawdu l-Milied;<br>4. jifhmu li ambjent aħjar ifisser aktar paċi fid-dinja. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Nies li jridu l-paċi huma dawk li jgħixu tajjeb u jgħinu lil ta' madwarhom.<br>2. Huma wkoll dawk li mbagħad jgħinu biex ħaddieħor ikun jista' jgħix aħjar.<br>3. Mhux in-nies tad-dinja kollha jiċċelebraw Milied hieni.<br>4. Fejn hemm il-gwerra m'hemmx paċi u n-nies ibatu ħafna. | |
| **L-Attitudni** | - It-tfal jobdu, jgħinu u jħobbu b'mod li juru li għandhom għal qalbhom il-paċi.<br>- It-tfal, jekk ikunu jistgħu, jattendu<br>għall-quddiesa ta' nofs il-lejl. | |
| | | |
| | | |